Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9719 — Fairfax Financial Holdings Limited/OMERS Administration Corporation/Riverstone Barbados Limited)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 40/07)

1. Fit-30 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Fairfax Financial Holdings Limited ("FFHL", Il-Kanada),

— Kingston Infrastructure Holdings Inc. ("Kingston", il-Kanada), ikkontrollata minn OMERS Administration Corporation ("OMERS", il-Kanada),

— Riverstone Barbados Limited ("Riverstone", Barbados).

FFHL u Kingston jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Riverstone kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— FFHL hija kumpanija azzjonarja impenjata fl-assikurazzjoni u fir-rassikurazzjoni tal-proprjetà u ta' nies midruba u fil-ġestjoni ta' investiment assoċjat.

— OMERS hija l-amministratur tal-Pjan tal-Pensjoni Primarja tas-Sistema tal-Irtirar tal-Impjegati tal-Muniċipju ta' Ontario, u l-fiduċjarja tal-fondi tal-pensjoni. OMERS tamministra portafoll dinji u ddiversifikat ta' stokks u bonds kif ukoll proprjetajiet immobbli, ekwità privata u investimenti fl-infrastruttura.

— Riverstone tiġġestixxi r-run-off tan-negozji u l-portafolli tal-assikurazzjoni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9719 — FFHL / OMERS / Riverstone

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.